# Għal darb'oħra f'salib it-toroq

**Meta tela' fil-Gvern il-Partit Nazzjonalista fl-1987 kien evidenti li l-ħtiġijiet ta' l-elettriku tal-pajjiż kienu qed jiżbqu l-kapaċità tal-power station tal-Marsa u għalhekk kienet xi ħaġa komuni li l-elettriku jinqata' ta' spiss.**

L-amministrazzjoni l-ġdida ħasset li biex tintlaħaq id-domanda ta' dak iż-żmien u d-domanda li kienu qed ibassru li se jkun hemm minħabba tkabbir ekonomiku fis-snin ta' wara, kellha tinbena power station ġdida.

Lil hinn mill-kontroversja li nqalgħet dwar il-post magħżul biex tinbena l-power station il-ġdida, il-wegħda dak iż-żmien kienet li ta' Delimara kellha tkun biżżejjed biex tilqa' għall-ħtiġijiet tal-pajjiż u għalhekk tal-Marsa setgħet tingħalaq.

Il-pajjiż kien wasal f'salib it-toroq f'dak li kellu x'jaqsam mal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku. Il-power station ta' Delimara twieldet fl-1992 u minkejja l-wegħda li saret għal ħafna snin wara l-power station tal-Marsa baqgħet l-iktar bżonjuża minnhom it-tnejn.

It-talba għall-elettriku tant kibret li l-pajjiż ma setax jitfi dik tal-Marsa.

Iż-żewġ power stations flimkien saħħew il-produzzjoni ta' l-enerġija u għal 14-il sena sħaħ taw serħan il-moħħ lil dan il-pajjiż. It-tkabbir ekonomiku li seħħ fil-bidu tad-Disgħinijiet, il-ħtieġa ta' iktar enerġija mill-industrija u ż-żieda fis-snin ta' wara f'apparat domestiku bħall-airconditioning, tumble dryers u fornijiet ta' l-elettriku, kabbru d-domanda b'mod li l-pajjiż qatt ma kien ra bħala qabel.

Illum, 15-il sena wara t-twelid tal-power station ta' Delimara, pajjiżna għadu jiddependi fuq dik tal-Marsa għal kważi nofs il-produzzjoni ta' enerġija u għal darb'oħra ninsabu f'salib it-toroq.

Fir-rapport li l-Enemalta ippubblikat is-sena li għaddiet dwar il-pjanijiet tagħha għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku għaż-żmien li ġej tgħid ċar u tond li wara s-sajf ta' l-2007 pajjiżna jista' jiffaċċja kriżi fl-enerġija jekk ikun hemm ħsara f'xi turbina ewlenija.

Għalkemm il-qtugħ ta' dawl li kien hemm matul din il-ġimgħa ma kellux x'jaqsam ma' żieda fid-domanda (l-ogħla domanda għall-enerġija sa dan ix-xahar fil-fatt kienet inqas mill-ogħla domanda għall-istess xahar is-sena li għaddiet) reġa' qajjem l-argument dwar l-għażliet li għandu quddiemu dan il-pajjiż.

Jista' jkun li stenbaħna tard. Il-livelli ta' tniġġis imposti mill-UE jfissru li l-power station tal-Marsa se jkollha tingħalaq sa l-2010. Fl-istess waqt it-talba għall-elettriku hi stmat li tiżdied b'mod naturali b'madwar 12MW fis-sena anki jekk iż-żieda f'dawn l-aħħar sentejn kienet inqas minħabba konsum iktar għaqli mill-konsumaturi.

Apparti dan hemm ukoll numru ta' proġetti kbar li se jżidu l-konsum b'mod qawwi. L-isptar Mater Dei hu stmat li se jikkonsma 10MW iktar mill-Isptar San Luqa. B'kollox il-Mater Dei se jixrob enerġija daqs Għawdex kollu.

Hemm ukoll proġetti oħra bħal dak tal-Ponta ta' Tignè, Pender Gardens f'San Ġiljan u SmartCity f'Rikażli li f'temp ta' ftit snin se joħolqu piż ikbar fuq il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku.

Ir-rapport ta' l-Enemalta jpinġi sitwazzjoni inkwetanti fejn mis-sajf ta' l-2008, biż-żieda naturali u l-konsum ikbar li se jkollu l-Mater Dei, jekk ma jsir xejn pajjiżna ma jkollux kapaċità żejda li jipproduċi l-elettriku u f'każ li jkun hemm ħsara f'xi turbina ta' 60MW, bħalma kellna din il-ġimgħa, partijiet sostanzjali tal-pajjiż jistgħu jesperjenzaw qtugħ ta' l-elettriku għal tul ta' ħin mhux ħażin.

L-Enemalta qed tipprova tilqa' għal dan. Din is-sena ħarġet offertà biex f'Delimara jinbena impjant ieħor li jkun kapaċi jiġġenera bejn 100MW u 120MW. Din l-ispiża mistennija tlaħħaq mal-Lm50 miljun.

Iżda sa l-2010 jeħtieġ li nżidu l-produzzjoni ta' l-elettriku biex nagħmlu tajjeb għall-għeluq tal-power station tal-Marsa, iż-żieda fid-domanda u fl-istess waqt nilħqu l-miri ta' tniġġis imposti mill-UE.

S'issa ma jidhirx li hemm pjanijiet konkreti ta' kif se jsir dan. Proposta minnhom titkellem dwar cable ta' l-elettriku bejn Malta u Sqallija li jkun kapaċi jipprovdi sa 200MW. L-istimi għal proġett bħal dan jilħqu l-Lm55 miljun iżda mhemmx miri fissi sa meta se jsir dan il-proġett.

Proposta oħra biex nilħqu livelli aċċettabbli ta' tniġġis biex ma neħlux multi mill-UE hi biex l-impjanti kollha ta' l-Enemalta jibdew jitħaddmu bil-gass minflok iż-żejt. Dan hu proġett fit-tul li jkun jeħtieġ it-tqegħid ta' pipe tal-gas bejn Malta u Sqallija, li skond stimi ta' l-Enemalta jista' jiswa mal-Lm65 miljun.

Bla flus la tgħannaq u lanqas tbus u lanqas ma tibni l-infrastruttura meħtieġa biex il-pajjiż jibqa' għaddej. Jeħtieġ li min qed imexxi dan il-pajjiż jaħseb għal dawn l-investimenti fl-iqsar żmien possibbli u fl-istess waqt jixpruna wkoll sistemi li jiġġeneraw l-elettriku minn sorsi alternattivi biex il-power stations ma jibqgħux l-uniku sors ta' produzzjoni.

Il-proġett ta' turbini tar-riħ f'baħar fond li ħabbar il-Prim Ministru s-sena li għaddiet ukoll m'għandux miri fissi u bit-teknoloġija tal-lum jidher li għadu mhux ekonomikament vijabbli li jsir xi razzett ta' l-irdieden f'baħar fond.

Il-miżbla magħluqa tal-Magħtab mistennija trendi l-enerġija mill-ħruġ ta' gass waqt ir-rijabilitazzjoni. L-impjant ta' riċiklaġġ ta' Wied il-Għajn ukoll mistenni jipproduċi l-elettriku mill-proċess tal-kompost. Iżda dawn weħidhom mhux se jkunu biżżejjed biex inaqqsu d-dipendenza tal-pajjiż fuq iż-żejt.

Fl-istess nifs għad m'hemmx pjan konkret ta' kif se tkun konservata l-enerġija biex in-nies jaħlu inqas elettriku u l-bini l-ġdid li jitla' jkun iktar effiċjenti.

Jekk il-Gvern tal-lum u dak li se jiġi għada mhux se jieħdu bis-serjetà l-problema ta' l-enerġija se nerġgħu lura għaż-żminijiet fejn il-qtugħ tad-dawl kien parti mill-ħajja ta' kuljum. Għoxrin sena wara l-1987 nerġgħu ninsabu f'salib it-toroq u b'kumbinazzjoni wkoll, lejlet elezzjoni oħra.

## Il-power station tal-Marsa




- L-ewwel parti tal-power station fil-Marsa nbniet fl-1953 taħt l-art fit-Telgħa tal-Ġiswiti. L-impjant kien magħmul minn tliet turbini tal-fwar li flimkien kienu jipproduċu 15MW ta' enerġija. It-turbini kienu pprovduti lil Malta bl-għajnuna tal-Marshall Aid.
- Din il-parti ta' l-istazzjon tkabbret fis-snin ta' wara biex tlaħħaq mad-domanda ikbar għall-enerġija iżda ngħalqet fl-1993.
- Il-parti tal-power station fuq l-art inbniet fl-1966. Illum il-power station tal-Marsa tiġġenera 267MW ta' enerġija. Peress li din il-power station ma tikkonformax mal-livelli ta' tniġġis imposti mill-UE sa l-2010 se jkollha tingħalaq darba għal dejjem.

## Il-power station ta' Delimara




- Il-power station ta' Delimara bdiet topera fl-1992 u llum tforni 304MW ta' enerġija. Il-ħsieb oriġinali meta nbniet kien li din il-power station tieħu post dik tal-Marsa iżda maż-żmien id-domanda għall-elettriku baqgħet tiżdied b'mod qawwi u qatt ma seta' jiġri li l-power station tal-Marsa tingħalaq kif pjanat.
- Din is-sena l-Enemalta ħarġet offerta għall-bini ta' impjant ġdid bl-iskop li l-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' l-elettriku f'Delimara jiżdied bejn 100MW u 120MW. Skond iċ-Chairman tal-kumpanija hu maħsub li l-offerta tingħażel sa l-aħħar ta' din is-sena. L-impjant se jieħu madwar 24 xahar biex jinbena u l-Enemalta qed tħalli l-għażliet tagħha kollha miftuħa x'tip ta' impjant se jkun u b'liema fuel se jitħaddem.

**Fl-1987 inħasset il-ħtieġa li tinbena power station ġdida biex tlaħħaq mad-domanda ikbar għall-enerġija fil-pajjiż. Konna f'salib it-toroq. Illum, 20 sena wara nerġgħu ninsabu f'salib it-toroq b'deċiżjonijiet li jiswew il-miljuni tal-liri jridu jittieħdu fi żmien qasir. KURT SANSONE jirrapporta.**

## Lm200 miljun biex nibqgħu għaddejjin



**Impjant ta' 130MW**
**Spiża kapitali:** Madwar Lm50 miljun
**Meħtieġ:** Jekk l-offertà tingħata sa l-aħħar ta' din is-sena kif pjanat l-impjant tat-tip Combined Cycle Gas Turbine jkun qed jaħdem sas-sajf ta' l-2009.
**Post:** Dan l-impjant se jitqiegħed Delimara

**200MW minn Sqallija**
**Spiża kapitali:** Lm55 miljun
**Meħtieġ:** Biex ma nbatux qtugħ fl-elettriku fl-2010 meta l-power station tal-Marsa trid tagħlaq irridu niddeċiedu jekk nagħmlux cable li jwassal l-elettriku minn Sqallija biex jagħmel tajjeb għan-nuqqas.
**Post:** Ir-rapport jirrakkomanda li l-cable minn Sqallija jitwassal jew sa Pembroke jew Delimara f'żona ħielsa mit-tbaħħir.

**Pipe tal-gass minn Sqallija**
**Spiża kapitali:** Lm65 miljun
**Meħtieġ:** Biex pajjiżna jilħaq livelli aċċettabbli ta' tniġġis hu is-suġġerit li minflok żejt nibdew naħarqu l-gass. Dan jista' jitwassal direttament b'pipe taħt il-baħar minn Sqallija. Ir-rapport jgħid li din l-għażla mhux probabbli ssir qabel l-2012-2015.

**Ċentri ta' distribuzzjoni**
**Spiża kapitali:** Lm30 miljun
**Meħtieġ:** Biex nilqgħu għad-domanda ikbar għall-elettriku u l-għeluq tal-power station tal-Marsa jeħtieġ li s-sistema tad-distribuzzjoni tissaħħaħ billi jinbnew ċentri ta' distribuzzjoni oħra madwar il-pajjiż u jittejbu dawk eżistenti. Dan isir fuq medda ta' snin.
**Post:** Diversi inħawi f'Malta.

*Stimi meħudin mir-rapport Pjan ta' Ġenerazzjoni għall-Elettriku maħruġ mill-Enemalta fl-2006.*

## Mini taħt l-art

**Bħala parti mis-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku l-Enemalta ħaffret numru ta' mini taħt l-art biex minnhom tgħaddi cables li jgħaqqdu flimkien numru ta' ċentri tad-distribuzzjoni f'inħawi importanti tal-pajjiż.**

**Delimara – Marsa**
Mina prinċipali li tgħaqqad iż-żewġ power stations flimkien u li minnha jgħaddu għadd ta' cables importanti.

**Delimara – Marsaskala**
Mina li tgħaqqad il-power station ta' Delimara maċ-ċentru tad-distribuzzjoni f'Marsaskala.

**Marsaskala – Rikażli**
Mina li għad trid titħaffer biex tgħaqqad iċ-ċentru ta' distribuzzjoni f'Wied il-Għajn ma' ċentru ieħor f'Rikażli fejn se jsir il-proġett Smart City.

**St. Venera – Msida – Kappara**
Bl-iskop li tissaħħaħ il-provvista ta' l-elettriku fiċ-ċentru tad-distribuzzjoni li se jinbena fil-Kappara li hu importanti għall-inħawi ta' San Ġwann, San Ġiljan u Tas-Sliema, tħaffret mina li tgħaqqad lil dan iċ-ċentru mal-mini l-oħra prinċipali ta' l-Enemalta.

**Mosta - Qormi**
Din il-mina tħaffret biex jitwassal cable li jiflaħ ċerta qawwa saċ-ċentru tad-distribuzzjoni ġdid li nbena fil-Mosta.



## Se jżidu d-domanda

*Tagħrif miġbur mir-rapport Pjan għall-Ġenerazzjoni ta' l-Elettriku maħruġ mill-Enemalta fl-2006*










